MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Talba Numru. 498/2007

**Raymond u martu Maria Dolores sive Doris mizzewgin Micallef (ID 222759 M u 297558 M)**

**vs**

**Joseph u Helen mizzewgin Refalo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta` Gunju, 2007, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf, tliet mija, tlieta u disghin lira Maltija llum ekwivalenti ghal Ewro 3,244.82c, rapprezentanti arretrati ta` kera dovuta mill-konvenuti fuq hanut gia` mikri lilhom (Dok. A u Dok. B) sar-rilaxx tac-cwievet u pussess relattiv.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenuti konjugi Refalo datata 22 ta` Novembru, 2007 fejn ikkontestaw it-talba

attrici peress illi qed jallegaw li r-relazzjoni guridika giet terminata bejn il-partijiet ghas-saldu in forza ta` kuntratt datat 29 ta` Jannar, 2007, a fol. 17 tal-process. B’riserva ghal risposta ulterjuri.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-atturi ghas-subizzjoni tal-konvenuti sabiex iwiegbu ghalihom bil-gurament taghhom u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikati l-konvenuti naqsu u ma deherux la fis-seduta ta` l-10 ta` April, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghhom u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` €3,244.81c (Euros), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------